MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 190/2000/1

**John Muscat u Pawlu Portelli**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-20 ta' Novembru 2009,

liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi huma l-pussessuri ta' ghalqa msejha "Tax-Xini", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka wiehed u sebghin punt decimali hamsa metri kwadri (71.5m.k.) jew kejl verjuri u konfinanti mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu Portelli, Punent ma' sies u Nofsinhar ma' beni f'idejn Rosaria Grech, kif murija fl-annessa pjanta u *site-plan*, Dokument "A";

"Illi ricentement, l-istess konvenut ikkommetta molestja tal-pussess fil-konfront tal-istess atturi u dan billi billi *ad insaputa* tal-atturi u bil-hsieb li jezercita xi dritt li huwa jippretendi li ghandu fuq dan ir-raba, huwa qabad u dahhal fih u xehet hemm munzell demel u erba' qattiet qasab;

"Illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi molestja ta' pussess ghad-dannu tal-atturi.

"Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi inti konvenut bl-agir tieghek ikkommettejt molestja fil-pussess tal-atturi u dan meta inti dhalt f'ghalqa msejha "Tax-Xini", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka wiehed u sebghin punt decimali hamsa metri kwadri (71.5m$^2$) jew kejl verjuri u konfinanti mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu Portelli, Punent ma' sies u Nofsinhar ma' beni f'idejn Rosaria Grech, kif murija fl-annessa pjanta u *site-plan*, Dokument "A" u xehet fiha munzell demel u erba' qattiet qasab;

"2. konsegwentement tikkundannak sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilek prefiss minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tirripristina lill-atturi fil-pussess ta'

din il-porzjon raba billi tiddesisti milli tibqa’ tidhol aktar fih u thallih a libera dispozizzjoni tal-atturi;

“3. u fin-nuqqas ghaliex l-istess atturi m’ghandhomx jigu awtorizzati sabiex jaghmlu x-xoghlijiet necessarji ghas-spejjez tal-istess konvenut u taht id-direzzjoni ta’ perit li jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex huma jigu mantnuti fil-pussess tal-porzjon raba hawn fuq deskritta.

“Bl-ispejjez inkluzi l-VAT u l-ittra ufficjali tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Awwissu 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-gurament tal-attur Paul Portelli.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:
“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif jigi dettaljatament ipprovat fil-kors ta’ din il-kawza.

“2. Illi l-konvenut ilu fil-pussess tal-art ghal iktar minn ghoxrin sena u ghalhekk m’huwiex minnu l-fatt dikjarat mill-atturi illi huma jinsabu prezenzjalment fil-pussess ta’ din l-art.

“3. Illi ma jezistux l-elementi necessarji sabiex tigi radikata kawza ta’ manutenzjoni.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut mahlufa minnu.

“Rat il-verbal taghha tal-24 ta’ April 2009 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qed ifittxu li jigu mantnuti fil-pussess ta' parti minn bicca art imsejha "tax-Xini" accessibbli minn Triq Duru, in-Nadur, Ghawdex, tkejjel madwar wiehed u sebghin metru u nofs kwadru (71.5m.k.), u murija fuq il-pjanta Dok. A annessa mac-citazzjoni. Huma jallegaw li gew disturbati fil-pussess taghhom ta' din il-bicca art bil-fatt li l-konvenut minghajr il-kunsens taghhom qabad u tefa' fiha munzell demel u xi qattiet tal-qasab. Il-konvenut ghalkemm jammetti illi d-demel u l-qasab kien qeghdhom hu fl-art in kwistjoni, jichad illi l-atturi kellhom il-pussess taghha meta ghamel hekk, u ghalhekk lanqas seta' immolestahom fit-tgawdija ta' ebda dritt.

“Dwar l-iskop tal-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi:

*““il possesso…. e’ costituito da una condizione di fatto che la legge, nell’interesse dell’ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell’intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l’esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e’ appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto.”* (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol. V # 92).

“Dawn l-azzjonijiet possessorji taht il-Kodici Civili taghna huma tnejn u cioe`:

“(i) azzjoni sabiex il-pussessur jinzamm fil-pussess f’kaz ta’ molestja (Art. 534); u

“(ii) azzjoni ghar-radd tal-pussess f’kaz ta’ spoll (Art. 535).

“Fl-ewwel kaz l-attur li jkun gie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqax jigi mfixkel fit-tgawdija tieghu tal-haga. Fit-tieni kaz jitlob li jerga’ jitqieghed fl-istat li kien qabel ma gie mnezza bi vjolenza jew bil-mohbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet:

*““Chi e’ molestato nel possesso puo’ chiedere la manutenzione e chi e’ stato spogliato del possesso puo’*

*chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia,in questo il possesso e' perduto."* (Comm.Cod. Civ. Vol. II # 1186).

"F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika tal-elementi tal-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni:

*""Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jehtieg li jirrikorru erba' elementi, u cioe`:*

*"(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tieghu tirrigwarda oggett immobbli jew universalita` ta' hwejjeg mobbli;*

*"(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-haga,*

*"(c) li jkun gie mmolestat f'dan il-pussess, u*

*"(d) li l-azzjoni tkun giet ezercitata fi zmien sena mill-molestja.*

*"Inoltre, skond il-ligi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni moghtija mill-Artikolu 524 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Huwa ghalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx legittimu jew illegittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bhala oggett id-detenzjoni tal-haga korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini". Jizdied ukoll illi kwantu ghall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att guridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja ghall-pussess ta' haddiehor"* (ara ukoll **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** - Kollez. XXVII. I. 622).

"Fil-qosor il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Gara illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 l-atturi akkwistaw minghand Marija Muscat u Carmel Portelli, li jigu rispettivament omm l-attur Muscat u missier l-attur l-iehor, "*porzjon art imsejha 'tax-Xini' fil-kuntrada 'tad-Duru', fi Triq tad-Duru, Nadur,*

*Ghawdex, tal-kejl l-intier ta' cirka erba' mija tmienja u disghin punt decimali hamsa disa' metri kwadri (498.95m.k.), bil-benefikati kollha ta' fuqha, liema benefikati huma bla isem u bin-numru hamsin (50) u xi bibien ohra bla numru, liema fond hu accessibbli minn entrata komuni* …". Inkluza f'dan l-akkwist kien hemm ukoll il-bicca art in kontestazzjoni, li hija dik *shaded* u taghti mill-Punent ghas-sies, kif tidher fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att[1]. Ftit xhur wara dan l-akkwist, l-atturi nnotaw li xi hadd kien tefa' d-demel u l-qasab go din il-bicca art. Issuspettaw fil-konvenut, u Muscat cempillu biex jikkonferma. Portelli ammetta, imma sostna li dik il-bicca art kienet f'idejh u kienet ilha ghandu mill-bidu tas-snin tmenin, meta certa Rosaria Grech kienet ghaddietlu l-maqjel u l-art kollha li kellha f'dawk l-inhawi, bi tpattija talli kien qed ihalliha tghaddi minn fuq l-art tieghu "ta' Majza", band'ohra fin-Nadur. Billi Portelli rrifjuta li jnehhi dak li kien pogga f'din il-bicca art, l-atturi ghamlu rapport mal-Pulizjja sabiex dawn jipprocedu kriminalment kontra l-konvenut ghall-vjolazzjoni tal-proprjeta`. Da parti tieghu l-konvenut ta verzjoni kemm xejn differenti ta' dak li gara. Ghalkemm tassew ammetta ma' l-attur Muscat li d-demel u l-qasab kien poggihom hu, malli spjegalu kif kien qed jippretendi li dik l-art kienet fil-pussess tieghu, Muscat skuza ruhu u ma kellmux izjed. Madankollu billi sussegwentement l-atturi allegatament harbtulu dak li kien pogga fl-art *de quo*, huwa wkoll ghamel rapport mal-Pulizija kontra l-atturi u talab li jittiehdu passi kontra taghhom. In segwitu l-atturi pprocedew civilment kontra l-attur bl-*actio manutensionis* prezenti.

“Nigu ghalhekk issa sabiex naraw jekk jezistux l-elementi mehtiega sabiex tirnexxi kawza bhal din fil-kaz in ezami.

“1. L-ewwel element jirrikjedi li l-kawza tirrigwarda immobbli jew universalita' ta' hwejjeg mobbli. M'hemmx dubju li dan l-elementi jezisti, billi l-kwistjoni tikkoncerna bicca art zghira, wara fond dilapidat.

---

[1] Ara kopja ta' dan il-kuntratt li sar in atti Nutar Dr. Silvio Hili, esebit fl-atti bhala Dok. CB 2 a fol. 137 - 139, u pjanta annessa bhala Dok. D a fol. 140.

“2. It-tieni element jirrikjedi l-pussess ta' liema xorta jkun, tal-istess immobbli. Huwa proprju dan l-element li gie kkontestat bil-qawwa kollha mill-kontendenti, ghaliex iz-zewg nahat jinsistu illi din il-bicca art kienet fil-pussess rispettiv taghhom meta twettqet l-allegata molestja. Naturalment il-fatt li l-atturi kienu ghadhom kemm akkwistaw minghand il-familjari taghhom il-fondi li din l-art jghidu li tifforma parti minnhom, fih innifsu ma jistax jistabilixxi l-pussess, u jista' jkun biss ta' ghajnuna sabiex tigi ndikata l-intenzjoni tal-atturi li jipposjedu bhala proprjetarji, kemm-il darba jirrizulta pero` illi tassew kellhom din l-art f'idejhom fil-mument tal-allegata molestja. Mhux kontestat illi l-fond akkwistat mill-atturi permezz tal-kuntratt hawn fuq indikat kien ilu zmien twil f'idejn il-familja tal-atturi, u nfatti Carmel Portelli jghid li missieru Guzepp kellu r-residenza tieghu hemmhekk, u twieled fl-istess fond. Sa madwar ghoxrin sena ilu, kien jithallas xi cens fuq dan il-post. Biz-zmien il-post gie abbandunat u spicca fi stat dilapidat. Madankollu l-membri tal-familja Portelli xorta kienu baqghu jiffrekwentaw l-ghalqa ta' wara l-post biex jaqtghu l-bajtar tax-xewk. Access dirett minn gewwa dan il-fond ghall-ghalqa retrostanti qatt ma kien hemm, imma huma kienu jidhlu fiha originarjament mill-ghalqa li kien jipposjedi Salvu Portelli, missier il-konvenut, u sussegwentement meta l-konvenut ghalqilhom l-access bi grada, kienu jidhlu minn sqaq li jinfed mit-triq, billi jaqsmu minn fuq raba ta' terzi. **L-atturi** jsostnu illi huma wkoll baqghu jiffrekwentaw l-ghalqa *de quo* b'dan il-mod biex jaqtghu l-bajtar minn hemmhekk, u li sakemm il-konvenut tefa' d-demel u l-qattiet tal-qasab gewwa fiha, qatt ma gew disturbati fil-pussess taghhom. Bhala prova ta' dan il-pussess huma pproducew lill-istess **Carmel Portelli**, li stqarr kif din l-ghalqa kienet minn zmien twil qabel fil-pussess tal-familja tieghu, u billi ma kienitx kapaci tinhadem, kienu jidhlu fiha semplicement biex jaqtghu l-bajtar tax-xewk u l-weraq ghan-naghag u jpoggu s-silla. Xehed ukoll **John Said**, ipparentat maz-zewg nahat, li qal li sa minn meta kien tifel kien jiffrekwenta l-inhawi u jiftakar lill-familjari tal-atturi jaqtghu l-pal tal-bajtar mill-ghalqa ta' wara r-razzett

taghhom. Pero` in kontro-ezami ammetta illi kien ilu ma jidhol hemmhekk "*sentejn jew tlieta l-izjed*[2]*.*" Allura billi xehed fl-21 ta' Awwissu 2001, u cioe` sena preciz wara l-allegata molestja, ma setax kien f'pozizzjoni jghid jekk dik il-habta l-atturi kienux ghadhom fil-pussess ta' din il-bicca art. **Francis Muscat,** xhud iehor prodott mill-atturi kien ukoll jiffrekwenta dawk l-inhawi ghall-kacca. Lill-missier l-attur Portelli rah hiereg bil-weraq tal-bajtar minn hemmhekk, u lill-atturi gieli rahom hergin ukoll minn wara l-post taghhom, imma kien ilu ma jersaq 'l hemm erba' snin[3]. L-ahhar xhud tal-atturi kien Pawlu Portelli, hu l-konvenut. Bhax-xhieda indipendenti l-ohra ftit li xejn seta' kien ta' ghajnuna ghalihom, ghaliex mistoqsi lil min kien jara go l-ghalqa *de quo*, stqarr: "*Lil hadd ma rajt go fiha issa, dan l-ahhar tlett snin, erba' (4)*[4]*.*"

"Bhala evidenza ohra in sostenn tal-pussess taghhom l-atturi ppoducew lill-A.I.C. Carmelo Borg, illi fis-sena 1989 kien ipprepara pjanta tal-lokal li kienet tinkludi l-art in kwistjoni[5].  Din il-pjanta kienet saret bl-intenzjoni li ssir qasma bejn Carmelo Portelli u Maria Muscat, li madankollu baqghet qatt ma saret. Fuq din il-pjanta l-perit kien indika xi qsami li allegatament jiddelimitaw l-art in kwistjoni. Imma apparti l-fatt li l-konvenut qatt ma accetta l-ezistenza ta' dawn il-qsami, din il-pjanta fiha nnifisha ma tista' tkun ta' ebda solljev ghall-atturi fl-isforz taghhom li jippruvaw il-pussess materjali tal-istess bicca art fil-mument tal-allegata molestja. Hekk ukoll il-fatt li wiehed mill-atturi ghamel xi zmien jiggestixxi hanut tax-xorb f'wahda mill-kmamar tar-razzett tal-familja Portelli, ma jwassalx ghall-konkluzjoni li kellu wkoll f'idejh l-ghalqa ta' wara dan il-hanut, li gie accettat li qatt ma kellu access dirett ghall-istess ghalqa.

"Min-naha l-ohra, **l-konvenut** spjega kif malli rritorna mis-safar fil-bidu tas-snin tmenin, ha f'idejh l-art li kellu missieru ma' genb ir-razzett tal-familja tal-atturi, kif ukoll il-

[2] It-tieni linja minn fuq a fol. 41 tal-process.
[3] Francis Muscat xehed fil-21 ta' Awwissu 2001; ara depożizzjoni tiegħu a fol. 49.
[4] Ara depożizzjoni tiegħu a fol. 117; dan xehed fil-15.01.02 u ċioe` sena u nofs biss wara l-allegata molestja.
[5] Dok. CB a fol. 108 tal-process.

maqjel u r-raba retrostanti li kellha Rosaria Grech, inkluz il-bicca art kontestata. Fil-parti ta' missieru kien izomm *bowser* tal-ilma ghat-tisqija tar-raba u fil-parti li kien ha minghand Rosaria Grech kien iqieghed id-demel u l-qasab biex jinxef. Qatt qabel l-incident mertu ta' din il-kawza ma kien hadd jipprotesta mieghu dwar dan. Meta rritorna mis-safar ir-ragel ta' ohtu, Valent Vella, li kellu wkoll xi raba fl-inhawi, kien talbu biex jibni dura ghall-insib proprju fil-parti kontestata, u dan ghamel zmien juza din id-dura minghajr hadd qatt ma fixklu. Fuq dan gie kkoroborat minn Carmen Vella, li tigi ohtu u mart l-imsemmi Valent Vella, kif ukoll minn Emanuel Portelli li qal li sahansitra kien ghen lil Valent Vella fil-bini ta' din id-dura. Il-konvenut kien ukoll irregistra l-art kollha li kellu f'idejh, inkluza l-art in kontestazzjoni, mad-Dipartiment tal-Artijiet fl-iskema introdotta xi snin ilu ghal dawk li kienu jipposjedu raba tal-Gvern.

“F'tali cirkostanzi, b'dawn il-provi konfliggenti u fejn kull ma hemm a favur tat-tezi tal-atturi hija x-xhieda taghhom u dik ta' missier wiehed minnhom, li huma baqghu dejjem jidhlu f'din l-ghalqa biex jaqtghu l-bajtar, anke wara li kienu abbandunaw ir-razzett taghhom, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw a sodisfazzjon taghha illi huma tassew kienu fil-pussess tal-art indikata fic-citazzjoni meta sehhet l-allegata molestja minnhom lamentata.

“Ghaldaqstant, billi l-atturi naqsu milli jippruvaw tal-inqas wiehed mill-elementi tal-*actio manutentionis*, u cioe` dak tal-pussess, din il-kawza ma tistax tirnexxi.

“Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.”

**L-appell tal-atturi John Muscat u Pawlu Portelli**

2. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, tal-20 ta’ Novembru 2009, u

interponew appell minnha.  In succint, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

(i) L-ewwel Qorti naqset milli taghmel evalwazzjoni xierqa tal-fatti.  Meta l-ewwel Qorti giet rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti, xehtithom fl-istess keffa minghajr ma qieset liema wahda minnhom kienet aktar kredibbli mill-ohra.  Skont l-appellanti fil-kamp civili ma jigix applikat il-principju tad-dritt penali li l-akkuzat ghandhu jigi liberat fl-eventwalita` ta’ konflitt ta’ provi, izda l-Qorti ghandha tikkonsidra liema verzjoni hija l-iktar wahda verosimili u fidili.  Huwa biss meta d-diversi verzjonijiet ikunu ugwalment plawsibbli li t-talba tal-attur ghandha tigi michuda.

(ii) L-appellanti jkomplu li ma jaqblux ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li *“kull ma hemm favur it-tezi tal-atturi hija x-xhieda taghhom u ta’ missier wiehed minnhom.”* Dan huwa hekk ghaliex minbarra dawn, kien hemm sitt xhieda ohra u partikolarment il-Perit Carmelo Borg.  L-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li dan l-istess xhud ikkonferma li fuq il-post u ferm qabel ma nqalghet din il-kwistjoni, kien ra l-qsami b’ghajnejh, liema qsami kienu gew indikati fil-pjanta li rrediga.  Rigward dan, l-ewwel Qorti qalet biss li l-qsami ma jservux bhala prova tal-pussess materjali tal-attur.

(iii) Rigward dawn is-sitt xhieda li gew prodotti mill-appellanti, skond l-appellanti mhuwiex il-kaz li l-ewwel Qorti ma emmnitx dawn ix-xhieda izda semplicement waslet ghall-konkluzzjoni li gialadarba dawn ix-xhieda ma rawx x’kien qed jigri fir-raba fl-ahhar sena qabel ma nfethet il-kawza, allura kellu jsegwi li l-appellanti ma kienux rnexxilhom jippruvaw li kellhom il-pussess.  Huwa principju generalment accettat li min ikollu l-pussess ghal perjodu twil ta’ zmien, huwa prezunt li jibqa’ fil-pussess ghaz-zmien sussegwenti salv prova kontrarja.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat filwaqt li tilqa’ t-talbiet

taghhom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**Risposta tal-konvenut appellat Joseph Portelli**

3. Preliminarjament l-appellat jghid li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Skond l-appellat, l-appell intavolat mill-atturi appellanti jikkonsisti principalment f'talba ghar-riapprezzament tal-provi prodotti fil-kawza, li kif gie ormai konstantement ritenut mill-Qrati taghna, il-Qorti tal-Appell m'ghandhiex tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi quddiem l-ewwel Qorti. Dejjem skond l-appellat, l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien korrett. L-appell tal-appellanti jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-fatti fuq tliet binarji. L-ewwel nett, spjegaw ghaliex fil-fehma taghhom l-evalwazzjoni li saret mill-Qorti ta' kull xhud kienet skoretta. It-tieni nett sostnew li l-ewwel Qorti setghet biss tichad it-talbiet taghhom, f'kaz li z-zewg verzjonijiet jirrizultaw ugwalment plawsibbli. Fit-tielet lok, allegaw li biex l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi li huma ma kellhomx pussess, hija ma kellhiex tasal ghal din id-decizjoni abbazi biss tal-ahhar sena qabel il-kawza, izda kien sufficjenti li jigi ppruvat li kellhom pussess snin qabel dak iz-zmien. Rigward l-evalwazzjoni ta' kull xhud, l-appellat jghid li l-ewwel Qorti kellha ragun li ma tkunx konvinta dwar il-kaz tal-appellanti mix-xhieda li huma pproducew u dan mhux biss ghaliex mix-xhieda taghhom irrizulta li huma qatt ma raw lill-atturi fil-pussess tal-art *de quo*, izda wkoll ghaliex lanqas biss kienu certi jekk qattx verament raw lill-appellanti fl-art *de quo*. L-appellat ikompli li l-provi li gew prodotti mill-atturi kienu pjuttost fjakki u kkontrastaw bil-qawwa mal-provi prodotti mill-appellat. Huwa ghalhekk li lill-ewwel Qorti rrizultalha verzjoni ferm iktar b'sahhitha da parti tal-konvenut minn dik tal-atturi. L-appellat ma jaqbilx mal-allegazzjoni tal-atturi li huma ma kellhomx ghalfejn jippruvaw xi tip ta' pussess da parti taghhom, u dan huwa hekk ghaliex din it-tip ta' azzjoni hija intiza biex tipprotegi l-pussess u l-ordni pubbliku u biex tassigura li hadd ma jiehu l-ligi f'idejh. L-appellat jikkonkludi billi jghid li l-argumenti kollha migjuba mill-appellanti huma nfondati u

m'ghandhomx iservu biex is-sentenza appellata tigi revokata.

**Mertu tal-kaz**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti thoss li jkun utli li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:

(i) Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Silvio Hili datat 29 ta' Mejju 2000, Marija Muscat u Carmel Portelli ttrasferew lil John Muscat u Paul Portelli *"porzjoni art imsejha 'Tax-Xini' fil-kuntrada 'tad-Duru', fi Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex, tal-kejl l-intier ta' cirka erba' mija tmienja u disghin punt decimali hamsa disgha metri kwadri (498.95mk), bil-benefikati kollha ta' fuqha, liema benefikati huma bla isem u bin-numru hamsin (50) u xi bibien ohra bla numru, liema fond hu accessibli minn entrata komuni..."*

(ii) L-appellanti jikkontendu li nkluz f'dan l-akkwist kien hemm ukoll il-bicca art mertu tal-kawza *de quo*, kif tidher mill-pjanta annessa ma' dan il-kuntratt, ara fol. 140 tal-process, liema art hija *shaded* u taghti mill-Punent ghas-sies;

(iii) Ftit xhur wara li gie ppubblikat dan il-kuntratt, l-appellanti ndunaw li xi hadd kien tefa xi demel u qasab gewwa din il-bicca art. L-appellanti ssuspettaw fl-appellat li min-naha tieghu kkonferma li hu kien poggihom u qal ukoll li dik li bicca art kienet ilha f'idejh mill-bidu tas-snin tmenin u li kienet taghthielu certa Rosaria Grech. L-appellat irrifjuta li jnehhi dawn l-affarijiet u ghalhekk l-appellanti kienu ghamlu rapport mal-Pulizija sabiex jipprocedu kontrih.

(iv) Il-verzjoni tal-appellat hija diversa stante li ghalkemm kien ammetta mal-appellanti li hu kien tefa' d-demel u l-qasab hemm, ikompli jghid li malli qal lill-appellanti li dik l-art kienet tieghu, l-appellant Muscat kien skuza ruhu u ma kellmux izjed. Izda minhabba l-fatt li l-

appellanti kienu harbtulu l-affarijiet li kien ghamel f'din il-bicca art, l-appellat kien ghamel rapport mal-Pulizija kontra l-atturi.

(v) Sussegwentement ghal dawn il-fatti, l-atturi pprocedew civilment kontra l-konvenut appellat bl-*actio manutensionis*.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li huwa necessarju tfakkar li din il-kawza hija bbazata fuq l-*actio manutensionis*. F'din it-tip ta' azzjoni l-elementi li hemm bzonn li jigu ppruvati huma essenzjalment tlieta, jigifieri a) il-pussess tal-haga immobbli jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli; b) l-att li jikkostitwixxi l-molestja ghal dan il-pussess u c) il-proponiment tal-azzjoni fi zmien sena minn meta saret il-molestja. Huwa car li l-aktar element importanti f'din it-tip ta' azzjoni huwa t-tip ta' pussess li ghandu min qieghed jippromwovi l-azzjoni, jigifieri f'dan il-kaz l-appellanti. Il-pussess mehtieg ghandu jkollu bhala rekwiziti l-karattru tal-pussess *ad usucapionem*, jigifieri pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. Pussess li jfisser, bhala minimu, id-detenzjoni tal-haga *animo domini*.

Gie ppruvat li l-appellanti permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Silvio Hili tal-29 ta' Mejju 2000, akkwistaw bicca art maghrufa bhala "Ta' Xini", tal-kejl ta' 498.95 metri kwadri. Dak li qieghed jigi kontestat hawn hija bicca art li wkoll taghmel parti minn din l-art maghrufa bhala "Ta' Xini", tal-kejl ta' 70 metri kwadri. Il-kwistjoni kollha ghalhekk hija jekk dawn is-sebghin metru kwadru (70mk) jiffurmawx parti jew le mill-proprjeta` li giet akkwistata mill-appellanti. Issa, meta wiehed jikkompara z-zewg pjanti li gew esebiti, jigifieri dik li tinsab a fol. 140 tal-process, li turi l-art li giet akkwistata mill-appellanti u l-pjanta a fol. 257 li turi l-art li hija fil-pussess tal-appellat, ma jirrizulta xejn b'mod car jekk dawn is-sebghin metri kwadri (70mk) humiex tassew komprizi fl-art li giet akkwistata mill-appellanti. Fi kliem iehor ma saritx il-prova

mill-appellanti li din il-bicca art partikolari wkoll inkisbet minnhom.

6. Minn barra dan kollu, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward tax-xhieda li gew prodotti mill-atturi appellanti. Dak li ntqal minnhom huwa li din il-bicca art kienet ta' Guzepp Portelli li jigi n-nannu tal-attur Portelli u li wara li miet Guzepp Portelli waqghet f'idejn missier u z-zijiet tal-attur Portelli. Dak li jirrizulta wkoll mix-xhieda li pproducew l-atturi huwa li hadd minnhom ma seta jixhed li l-appellanti kellhom il-pussess ta' din il-bicca raba jew li ra lill-atturi f'din il-bicca raba, mhux biss ghall-ahhar sena izda anke aktar minn daqshekk.

Min-naha tieghu, il-konvenut appellat ressaq prova aktar konvincenti li hu fil-fatt ghandu l-pussess ta' din il-bicca art. Gie inoltre kkonfermat minn diversi xhieda li din il-art ghaddiet ghand il-konvenut minn certa Rosaria Grech, u li din ilha f'idejh ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena.

7. Il-kuntratt ta' donazzjoni li sar hames xhur qabel ma giet intavolata din il-kawza, ghalkemm igib mieghu l-pussess tal-haga *animo domini*, ma jissarrafx awtomatikament ukoll f'pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. Ghalhekk dan ir-rekwizit baziku dwar pussess ma giex ippruvat sufficjentement mill-appellanti, u ghalhekk din l-azzjoni ta' manutenzjoni kif proposta minnhom ma' setghetx tirnexxi.

8. Fl-ahhar nett b'riferenza ghall-ewwel parti tal-aggravju tal-appellanti fejn jghid li l-ewwel Qorti m'ghamlitx evalwazzjoni xierqa tal-fatti, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju hu bla fondament. Fil-fehma taghha, meta l-Qorti jkollha tikkunsidra u taghzel bejn zewg verzjonijiet ta' portata ugwali, ir-regola fil-kamp civili tibqa' dejjem dik li *incumbit probatio qui dicit non ei qui negat* b'dan li bhala grad ta' prova rikjest dan ghandu jkun ibbazat fuq livell ta' probabbilita` b'riferenza ghall-preponderanza tal-provi prodotti. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg

verzjonijiet *“mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ ‘in dubio pro reo’”* – **Carmelo Farrugia –v.- Rokku Farrugia**, Prim Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Novembru 1966.

A bazi ta’ dak kollu li ntqal hawn, l-appell tal-appellanti qieghed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-appell interpost mill-atturi appellanti, tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------